

32003R2338

L 346/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.12.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2338/2003****tat-30 ta' Diċembru 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2001 li jfassal regoli dettaljati dwar l-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 inkwantu kummerċ ma' pajjiżi terzi ta' prodotti fis-settur ta' l-inbid**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 68(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Nru 883/2001 <sup>(2)</sup> jinkludi ċerti derogi li għandhom x'jaqsmu mal-ħruġ ta' liċenzi li bihom l-Awstralja u l-Istati Uniti jistgħu jibbenefikaw minn arranġamenti simplifikati ta' liċenzi li se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2003.
- (2) Billi n-negozjati li għaddejmin ma' dawn iż-żewġ pajjiżi mhux se jispiċċaw qabel it-tmiem tas-sena, biex ma jsir l-ebda qsim fil-kummerċ, dawn id-derogi għandhom jiġu estiżi għal perjodu limitat fid-dawl tal-progress fin-negozjati.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2001 għandu anki jiġi aġġornat biex jieħu ħsieb il-fatt li r-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 iniżżel ċerti regoli biex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar id-deskrizzjoni, d-disinn, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid <sup>(3)</sup> li se japplikaw mill-1 ta' Awissu 2003.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2001 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq.

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod koformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija ta' l-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2001 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 27(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:  
"2. L-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 26 għandhom jgħoddu sal-31 ta' Diċembru 2005."
2. fl-Anness VIII.B, il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:  
"3. Id-deskrizzjoni tal-prodott f'kaxxa 6 tal-formola VI 1 u kaxxa 5 tal-estratt VI 2 trid timtela' bi qbil ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 753/2002."

*L-Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kommissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kommissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, ta' l-14.10.2003, p. 13).

<sup>(2)</sup> ĠU L 128, ta' l-10.5.2001 p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1220/2003 (ĠU L 170, tad-9.7.2003, p. 3).

<sup>(3)</sup> ĠU L 118, ta' l-4.5.2002, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1205/2003 (ĠU L 168, tal-5.7.2003, p. 13).